

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 232/2013

tat-13 ta' Diċembru 2013

**li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħi,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010 (l) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 66wj (ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1206/2011):

“66wk. **32012 R 0923:** Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010 (ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1).”

2. Dan li ġej jiżdied fil-punti 66wa (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 730/2006), 66we (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1265/2007), 66wi (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 255/2010) u 66xc (ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1035/2011):

“, kif emendat minn:

— **32012 R 0923:** Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 (ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1).”

3. Dan li ġej jiżdied fil-punti 66wc (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006) u 66wd (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1794/2006):

“— **32012 R 0923:** Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 (ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1).”

### Artikolu 2

It-testi tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 923/2012 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

(l) ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2013, dejjem jekk ikunu twettqu n-notifikazzjonijiet kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*), jew dak inhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 228/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 (¹), jew dak inhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 231/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 (²), jew dak inhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 163/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 (³), skont liem waħda minnhom tiġi l-aktar tard.

### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Thórir IBSEN

---

(\*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonal.  
(¹) Ara paġna 25 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.  
(²) Ara paġna 32 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.  
(³) ĠU L 76, 15.3.2012, p. 51.